

Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni – Il-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh (2010-2018)

(2016/C 120/06)

Relatur:	Is-Sur BORBOLY (RO/PPE), President tal-Kunsill tal-Kontea ta' Harghita
Dokument ta' referenza:	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – L-Abbozz tar-Rapport Konġunt tal-2015 tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-qafas imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh (mill-2010 sal-2018)
	COM(2015) 429 final

RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA**IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI**

1. jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni għarfet l-importanza tat-tisħiħ, fi ħdan il-qasam taż-żgħażaġh, tal-iżvilupp tal-politiki billi tibbaża fuq fatti u provi, u billi tikkoordina bl-aktar mod effettiv possibbli l-isforzi u r-riżorsi tal-Unjoni Ewropea, u dawk reġjonali u tal-Istati Membri sabiex jintlaħqu l-oġġettivi tal-politika dwar iż-żgħażaġh;
2. jesprimi apprezzament partikolari għall-approċċ tal-Kummissjoni, li tqis li hu meħtieġ, fil-qasam taż-żgħażaġh matul il-perjodu 2016-2018, li tirreaġixxi malajr kemm jista' jkun, permezz ta' aġġustament xieraq tal-politika għall-isfidi l-ġodda, bħalma huma l-integrazzjoni tar-refuġjati żgħażaġh jew it-tixrid tal-estremiżmu fost iż-żgħażaġh;
3. jilqa' f'dan il-kuntest b'mod espliċitu l-benefiċċju li għandu l-qafas tal-UE għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh (2010-2018), sabiex itejjeb il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u l-awtoritajiet lokali u reġjonali tagħhom u jiftaħ u jespandi l-oportunitajiet u l-vantaġġi tal-proġett ta' integrazzjoni għaż-żgħażaġh; għaldaqstant jistieden lill-Kummissjoni biex taġġorna u tkompli tiżviluppa l-qafas għaż-żmien ta' wara l-2018;
4. jinsisti li, fil-futur, l-iżgurar ta' oportunitajiet indaqs, il-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u t-titjib tal-kompetittività taż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol, filwaqt li jitravmu ċ-ċittadinanza attiva (il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh), it-titjib tax-xogħol taż-żgħażaġh, in-nondiskriminazzjoni u l-fehim interkulturali, għandhom jibqgħu l-oġġettivi ewlenin tal-politika taż-żgħażaġh;
5. jesprimi tħassib, madankollu, dwar il-fatt li l-Kummissjoni ma tirreferix għar-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-politika taż-żgħażaġh, meta wieħed iqis kemm huwa ovvju li f'bosta Stati Membri, fejn hemm politiki nazżjonali dwar kwistjonijiet taż-żgħażaġh, l-awtoritajiet lokali u reġjonali, fl-livelli differenti, għandhom kompetenza determinanti f'dan il-qasam;
6. japprezza l-ħidma tal-Eurostat biex jipproduċi u jikkoordina settijiet ta' data relatata ma' firxa ta' fatturi marbutin mal-kwistjonijiet taż-żgħażaġh;
7. jistieden lill-Kummissjoni teżamina b'mod sistematiku l-impatt territorjali tal-politika dwar iż-żgħażaġh fil-livell sottonazzjonali, tal-aqas sal-livell NUTS 2. Sabiex ikompli jissaħħaħ ir-rwol tar-reġjuni fl-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-UE, jikkunsidra li fi ħdan il-qafas tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni fost l-Istati Membri tal-UE jinħtieġu l-iżvilupp ta' indikaturi li jistgħu jitkejlu, pjani ta' azzjoni konkreti relatati maż-żgħażaġh li jinvolvu l-livelli kollha ta' gvern, u sħubijiet b'saħħithom bejn l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u l-awtoritajiet pubbliċi;

8. wara konsultazzjoni mal-partijiet interessati, iqis li għalkemm il-programm Erasmus+ u l-Garanzija għaż-Żgħażaġ huma għodda essenzjali biex jintlaħqu l-oġġettivi strateġiċi, il-problemi huma ħafna aktar kumplessi u l-azzjoni tal-UE fil-qasam taż-żgħażaġ diġà qed tmur ferm lil hinn minn dawn iż-żewġ strumenti effettivi li, għalkemm jidhru effettivi, fil-fatt mhumiex biżżejjed, peress li l-Garanzija għaż-Żgħażaġ għadha mhux qed tiġi applikata tajjeb. B'mod partikolari fir-rigward taż-żgħażaġ vulnerabbli, hemm bżonn ċar li jiġu żviluppati inizjattivi ta' appoġġ għaż-żgħażaġ li ġejjin minn sistemi ta' assistenza u li ta' 18-il sena jkunu friskju li jispiċċaw mingħajr superviżjoni biex jiġu ggwidati fit-tranżizzjoni tagħhom għall-età adulta. Konsegwentement jenfasizza l-ħtieġa li informazzjoni oħra dwar ir-riżultati tal-politika dwar iż-żgħażaġ issir aċċessibbli f'format xieraq, partikolarment fir-rigward ta' kwistjonijiet bħall-qgħad fost iż-żgħażaġ u l-inklużjoni soċjali, fost affarijiet oħra. Dan għandu jgħin ukoll biex jiġi determinat jekk ma jkunx xieraq li jsir provvediment għal għajnuna speċifika mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, diġà mill-perjodu ta' programmazzjoni attwali. Minħabba l-kumplessità u l-kobor tal-isfidi attwali, il-politika dwar iż-żgħażaġ għandha tkun integrata fil-politiki kollha tal-UE, f'approċċ orizzontali, peress li dawn il-politiki jistgħu mhux biss jintużaw biex jinstabu soluzzjonijiet għall-problemi urġenti f'faċċjati miż-żgħażaġ, iżda jservu wkoll bħala punt tat-tluq biex jinħoloq tkabbir ekonomiku għdid. Barra minn hekk, l-iskoperta mill-għdid tal-valuri tat-tradizzjonijiet u tas-sinjura antiki tista' tirrappreżenta opportunitajiet ta' xogħol ġodda. Għadhom meħtieġa sforzi sostanzjali għall-promozzjoni tal-iskambju tal-aħjar prattiki fl-involvement u x-xogħol taż-żgħażaġ bejn l-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali u reġjonali. Barra minn hekk, il-każ ekonomiku għal edukazzjoni u taħriġ, li ġie diskuss fil-laqgħa tal-Kunsill Edukazzjoni, Żgħażaġ, Kultura u Sport tat-12 ta' Diċembru 2014 ⁽¹⁾ fil-kuntest tar-reviżjoni ta' nofs it-term tal-Istrateġija Ewropa 2020, issa għandu jissarrarf f'investimenti konkreti fl-edukazzjoni bħala parti mill-aġendi tal-UE dwar iż-żgħażaġ u t-tkabbir fuq terminu twil;

9. jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Kummissjoni tejbet id-dispożizzjoni ta' informazzjoni għaż-żgħażaġ li qed ifittxu xogħol permezz tal-EURES, is-sistema tal-iskambju ta' informazzjoni dwar postijiet tax-xogħol battala, u tat-tnejdja tal-inizjattiva "L-ewwel impjeg EURES tiegħek" biex tgħin liż-żgħażaġ isibu xogħol barra minn pajjiżhom, kif ukoll il-miżuri konkreti li adottat biex tiġi implimentata r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar qafas ta' kwalità għall-apprendistati, bil-għan li testendi l-portal tal-EURES għall-apprendistati. Huwa jappella lill-Istati Membri biex jużaw aktar dawn l-istrumenti;

10. jinnota bi tħassib li, l-attività politika diretta (speċjalment tal-parteċipazzjoni fl-elezzjonijiet) taż-żgħażaġ qiegħda tonqos, u meta din titqabbel mal-ġenerazzjonijiet aktar anzjani, din se tkun aktar baxxa; jilqa' madanakollu l-interess ta' ħafna żgħażaġ, li huma membri attivi tal-komunità lokali tagħhom permezz ta' sħubijiet f'organizzazzjonijiet, f'għodod elettroniċi (midja soċjali) jew billi jagħtu servizz fil-volontarjat. F'dan ir-rigward għandu jintlaqa' l-fatt li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jixtiequ jagħmlu użu mill-forom ġodda tal-parteċipazzjoni fil-proċessi demokratiċi, kif ukoll mill-aċċess għat-fassil tal-politika fir-rigward tal-istrateġija taż-żgħażaġ tal-UE; kif ukoll li ż-żgħażaġ ikunu mgħarrfa aħjar dwar id-dritt tagħhom li jipproponu u jappoġġjaw Inizjattiva Ewropea taċ-Ċittadini;

11. jirrakkomanda li l-Kummissjoni, filwaqt li tirrispetta għal kollox ir-responsabbiltà tal-Istati Membri għal dak li hu kontenut ta' tagħlim u l-organizzazzjoni ta' sistemi ta' edukazzjoni, teżamina l-prattiki tajbin tal-Istati Membri u r-reġjuni fir-rigward tat-taħriġ dwar ħilet politiċi u f'termini ta' li titbaxxa l-età tal-votazzjoni, u b'mod partikolari l-impatt dirett jew indirett li dawn iż-żewġ elementi għandhom fuq l-impenn politiku taż-żgħażaġ u l-iżvilupp tar-rieda tagħhom li jipparteċipaw. Il-Kummissjoni mbagħad teħtieġ li taqsam ir-riżultati ta' din il-valutazzjoni mal-Istati Membri u r-reġjuni;

12. iqis li huwa importanti b'mod partikolari r-rwol tal-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġ, anki daww sportivi, li jaħdmu f'oqfsa formali u fil-kuntest ta' taħriġ ekstraskolastiku ta' edukazzjoni mhux formali u informali għaċ-ċittadinanza attiva, li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-iżvilupp tal-kompetenzi ta' parteċipazzjoni taż-żgħażaġ u jtejbu l-kwalità tat-teħid ta' deċiżjonijiet. Għalhekk huwa tal-fehma li l-appoġġ għal dawn l-organizzazzjonijiet huwa importanti;

13. jenfasizza wkoll il-ħtieġa li jiġu identifikati u ppreżentati b'mod aktar ċar il-komunitajiet mhux strutturati taż-żgħażaġ, li n-numru tagħhom dejjem qed jiżdied, anke bl-użu, fost l-oħrajn, tal-midja soċjali. Dawn ir-realtajiet spiss jinkludu lil daww iż-żgħażaġ li jkollhom diffikultajiet fl-aċċess għal opportunitajiet, u li ma għandhomx il-mezzi biex jaffrontaw l-istituzzjonijiet;

14. jirrikonoxxi l-importanza ta' forniment soċjoedukattiv ta' kwalità tajba u l-ħtieġa li tiġi żviluppata l-kapaċità għal reazzjoni għat-tibdil soċjali, komportamentali u teknoloġiku. F'dan ir-rigward jgħodd ukoll li għandhom ikomplu jiġu appoġġjati r-rikonoxximent u l-viżwalizzazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali fix-xogħol taż-żgħażaġ;

⁽¹⁾ Stqarrija għall-Istampa tat-3358 laqgħa tal-Kunsill Edukazzjoni, Żgħażaġ, Kultura u Sport <http://www.consilium.europa.eu/en/workarea/downloadAsset.aspx?id=40802190967>

15. jesprimi tħassib dwar il-fatt li l-forniment soċjoedukattiv, li b'mod ġenerali, f'diversi Stati Membri, jaqa' wkoll f'idejn l-awtoritajiet lokali, ġarrab tnaqqis fil-baġits madwar l-Ewropa kollha, filwaqt li perċentwal dejjem jikber ta' żgħażaġh f'riskju tal-faqar u l-esklużjoni, minbarra ż-żieda fl-incidenta ta' mġiba riskjuża għas-saħħa u r-rata ta' mortalità assoċjata magħha fost iż-żgħażaġh, jitolbu żieda f'dawn is-servizzi. Hemm ukoll bżonn partikolari ta' promozzjoni għal stili ta' ħajja pożittivi li jinvolvu tnaqqis fl-użu tad-droga, fl-abbuż tal-alkoħol, fit-tipjip u fl-obezià, mhux l-inqas billi titħeġġeġ l-attività fiżika. Fl-istess ħin huwa importanti li jiġu proposti politiki attivi biex jipprovdur liż-żgħażaġh, jew f'assoċjazzjonijiet jew individwalment, b'opportunitajiet ta' żvilupp personali u vokazzjonali sabiex ikunu f'pożizzjoni li "joħolqu forom ġodda ta' relazzjonijiet soċjali" (White Paper tal-2001 dwar iż-żgħażaġh Ewropej);

16. b'reazzjoni għall-kriżi attwali tal-migrazzjoni u fi ħdan il-kuntest tal-Aġenda Ewropea għall-Migrazzjoni, iħeġġeġ favur riżorsi finanzjarji li jkunu direttament aċċessibbli għall-awtoritajiet lokali u reġjonali sabiex dawn ikunu jistgħu jwettqu l-obbligi tagħhom fir-rigward tal-migrazzjoni u l-integrazzjoni;

17. huwa tal-fehma li l-migrazzjoni taż-żgħażaġh minn reġjuni Ewropej anqas żviluppata jew reġjuni li l-iktar li ntaqtu ħażin mill-kriżi ekonomika, iddgħajef il-koeżjoni territorjali u soċjali u twassal għal sfidi demografiċi serji. Sabiex ikunu promossi t-tkabbir u l-ħolqien tal-impjegji f'dawk ir-reġjuni, li huma s-soluzzjoni biex ikun evitat l-eżodu taż-żgħażaġh u għalhekk l-eżodu ta' mħuħ, il-KESE jisħaq dwar il-ħtieġa ta' appoġġ, fost l-oħrajn permezz ta' sħubijiet interreġjonali u azzjonijiet lokali u reġjonali diretti permezz ta' miżuri speċifiċi ffinanzjati mill-Fondi ES;

18. iqis l-iskambju tal-aħjar Prattiki fil-kooperazzjoni transettorjali għall-appoġġ taż-żgħażaġh bħala strument fundamentali, peress li jippermetti lill-awtoritajiet lokali u reġjonali kif ukoll lir-rappreżentanti taż-żgħażaġh u lill-Istati Membri, sabiex jitgħallmu minn xulxin. Barra minn hekk, inizjattivi bħal "Pjattaforma Ewro-Mediterranja taż-żgħażaġh" u l-"Forum Ewropew taż-żgħażaġh" jippromovu d-djalogu eż. fil-kwistjonijiet li jippromovu t-tagħlim tul il-ħajja u l-mobilità Ewropea, il-politika tal-edukazzjoni u tal-impjegji u tal-ugwaljanza bejn is-sessi.

19. jissuġġerixxi l-iżvilupp ta' pakkett bażiku li, fejn possibbli, għandu jiġi garantit għaż-żgħażaġh f'kull Stat Membru tal-UE. Dan il-pakkett jista' jagħti attenzjoni partikolari għall-aċċess għall-Internet b'veloċità għolja, għall-għażla ta' tagħlim tattieni lingwa barranija, ekwivalenti għal mill-inqas il-livell B2 fil-qafas tas-sistema pubblika tal-edukazzjoni, għall-għoti ta' pariri u gwida kontinwa għall-opportunità għall-involvement xieraq fil-volontarjat, għall-promozzjoni tat-tħejjija għall-ewwel impjeg, u għall-forom ta' finanzjament flessibbli u aċċessibbli meħtieġa biex jitwettqu studji li jipprovdur l-possibbiltajiet ta' karriera. Fl-istess ħin, jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tieħu azzjoni biex jiġi żgurat li iż-żgħażaġh kollha fl-UE li huma interessati fit-taħriġ vokazzjonali jkollhom aċċess għalih, u li jkollhom ukoll "garanzija ta' kwalifiki u ħiliet minimi", rikonnoxxuti u validati fl-Istati Membri kollha, li permezz tagħhom ikunu jistgħu jaċċessaw u jikkompletaw livell minimu ta' kisba edukattiva, akkumpanjat mill-livell rilevanti ta' ħiliet adatti, appoġġjat minn validazzjoni adatta li tirrikonoxxi l-valur miżjud tal-attivitàjiet imwettqa miż-żgħażaġh anke f'ambjenti mhux formali;

20. jirrikonoxxi l-ħtieġa li jsiru studji fir-reġjuni differenti tal-Ewropa bil-għan li l-qagħda taż-żgħażaġh fil-qasam tal-akkomodazzjoni u kemm hija abitabbli l-akkomodazzjoni toħroġ b'mod iżjed ċar. Fil-fatt, b'mod partikolari jinħtieġ li f'dan il-qasam isir skambju tal-aħjar Prattiki u jiġu żviluppata pjani ta' azzjoni fil-livell lokali, fid-dawl tal-fatt li, f'bosta reġjuni, wieħed josserva l-għadd eċċessiv ta' djar, filwaqt li f'għadd ta' reġjuni, il-kwalità tal-akkomodazzjonijiet ma tiżgurax kundizzjonijiet adegwati għaż-żgħażaġh, u li, terġa' u tgħid f'reġjuni oħrajn, il-prezzijiet estremament għaljin jeskludu liż-żgħażaġh. Għalhekk jeħtieġ li, abbażi ta' data adatta, jiġu żviluppata pjani ta' azzjoni bil-għan li tiżdied l-aċċessibilità ta' akkomodazzjoni tajba għaż-żgħażaġh. B'mod partikolari huwa ssuġġerit li parti mill-proprietajiet pubbliċi jitħallew għaż-żgħażaġh, li jiġu mħeġġa forom ta' viċinat magħquda u ta' koabitazzjoni bejn anzjani awtosuffiċjenti u żgħażaġh (cohousing) u li jiġi appoġġjat ix-xiri ta' djar b'self issussidjat għaż-żgħażaġh;

21. jinsisti dwar il-ħtieġa li jiġi determinat kif, fil-qasam tal-politika dwar iż-żgħażaġh, għandhom jiġu indirizzati l-isfidi bħall-kwistjoni tat-tlaqqiġ tal-ħiliet mal-ħtiġijiet ta' produzzjoni, territorjali u tal-impjegaturi, anke fil-kuntest tat-tnaqqis tal-livell għoli ta' qgħad fost iż-żgħażaġh, l-opportunitajiet indaqs għaż-żgħażaġh li jgħixu f'komunitajiet zġhar li jinsabu f'reġjuni periferiċi, ultraperiferiċi, ta' gżejjer jew rurali li jħabbtu wiċċhom ma' sfidi demografiċi, kif ukoll kif għandhom jiġu promossi inizjattivi ta' taħriġ professjonali adatti għall-partikolaritajiet reġjonali u għall-kompetenzi speċifiċi, u l-iskambju tal-aħjar Prattiki fil-qasam ta' politika, mhux l-inqas billi jingħata għarfen akbar għax-xogħol tal-id; jenfasisza li t-tlaqqiġ tal-ħiliet mal-ħtiġijiet tal-impjegaturi huwa fattur importanti fil-qgħad taż-żgħażaġh u l-iżvilupp ulterjuri tal-prospetti ta' karriera taż-żgħażaġh. Iqis li għandhom jiddaħħlu proċeduri sabiex jiżguraw il-validazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni tal-ħiliet miksuba miż-żgħażaġh f'tipi ta' edukazzjoni mhux formali u l-volontarjat sabiex ikunu jistgħu jużawhom biex isibu impjeg. Jitlob li tingħata aktar attenzjoni għal dawn il-kwistjonijiet, u li jsir appell għar-responsabbiltà soċjali korporattiva min-naħa tan-negozji sabiex jempatizzaw maż-żgħażaġh, li mhux biss huma l-forza tax-xogħol tal-lum u ta' għada iżda huma wkoll klienti potenzjali għas-servizzi tagħhom u l-prodotti u s-servizzi li jipprovdur;

22. iqis li huwa neċessarju, fil-kuntest tal-politika taż-żgħażaġh, li tibqa' tingħata attenzjoni partikolari – kemm fil-livell tal-Istati Membri kif ukoll dak tal-awtoritajiet lokali u reġjonali – lil kwistjonijiet bħall-promozzjoni tal-valuri fundaturi tal-kultura Kristjana tal-Ewropa, id-diskriminazzjoni kontra ż-żgħażaġh abbażi ta' sess, ġeneru, razza jew oriġini etnika, reliġjon jew twemmin, diżabbiltà jew orjentazzjoni sesswali, kif ukoll il-formulazzjoni ta' miżuri li jridu jittieħdu f'dan ir-rigward, inkluż rigward il-problemi speċifiċi taż-żgħażaġh minn minoranzi nazzjonali jew etniċi;

23. ihegġegħ lill-awtoritajiet reġjonali u lokali kkonċernati biex, f'konformità mal-liġi nazzjonali u l-prinċipji Ewropej, jaġhmlu kull sforz favur iż-żamma tal-istituzzjonijiet li jipprovdu taġhlim fil-lingwa materna tal-minoranzi nazzjonali jew lingwistiċi u favur il-ħolqien ta' istituzzjonijiet ġodda, u jistieden lill-Istati Membri biex b'kunsiderazzjoni tas-sitwazzjoni partikolari taż-żgħażaġh li joriġinaw minn minoranzi lingwistiċi jew nazzjonali fir-rigward tal-edukazzjoni, jipprovdu l-hom soluzzjonijiet li jippermettulhom jitgħallmu l-lingwa uffiċjali tal-pajjiż b'mod effettiv, skont il-prinċipji tal-multilingwiżmu u n-nondiskriminazzjoni;

24. iqis li hija prijorità li jitnieda pjan ta' azzjoni urġenti li jindirizza l-inċidenza li qed tikber ta' vjolenza minħabba l-ġeneru fost iż-żgħażaġh, li jkun jinkludi l-importanza ta' koedukazzjoni effettiva fil-pajjiżi kollha tal-UE;

25. jinnota li ż-żgħażaġh ikollhom aċċess limitat biss għas-sorsi ta' finanzjament meħtieġa biex iwaqqfu negozju, iħallu għall-akkomodazzjoni jew ikomplu l-istudji tagħhom; għal din ir-raġuni jqis li huwa importanti għall-awtoritajiet lokali u reġjonali biex isibu soluzzjonijiet lokali li, min-naħa waħda, jgħinu biex ir-reġjun inkwistjoni jsir aktar kompetittiv u, min-naħa l-oħra, isaħħaħ sew l-opportunitajiet indaqs fost iż-żgħażaġh;

26. jenfasizza għaldaqstant il-ħtieġa li jiġu mħeġġa modi u postijiet fejn jistgħu jinġabru ż-żgħażaġh promossi mill-atturi lokali bi sħubija wkoll ma' entitajiet privati li jkunu kapaċi jindirizzaw il-bżonnijiet taż-żgħażaġh fil-mira u jibdluhom f'opportunità ta' impjegabbiltà futura, ta' ttestjar tal-ħiliet intraprenditorjali u ta' żvilupp ta' parteċipazzjoni attiva;

27. jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jivverifikaw, fir-rigward tal-liġi tax-xogħol, l-istandards tal-protezzjoni tax-xogħol u l-leġislazzjoni fir-rigward tal-voluntiera, li ż-żgħażaġh jiġu infurmati kif xieraq u li jingħataw il-protezzjoni meħtieġa, speċjalment meta huma jeżerċitaw attività professjonali jew servizz volontarju jew meta jsewgu traineeship jew internat fil-pajjiż ta' residenza tagħhom jew fi Stat Membru differenti minn dak fejn ikunu abitwalment residenti; għalhekk jipproponi li jintużaw netwerks diġà stabbiliti, bħall-Europe Direct, il-Eurodesk u l-EURES, jew l-awtoritajiet lokali bħala l-promoturi ewlenin tal-politiki dwar iż-żgħażaġh fit-territorju;

28. jenfasizza l-ħtieġa għal kawtela rigward il-protezzjoni ta' voluntiera żgħażaġh jew dawk attivi fis-suq tax-xogħol, u jistieden lir-reġjuni sabiex jikkunsidraw x'inhuma, f'dan il-qasam, l-opportunitajiet ta' kooperazzjoni fir-rigward ta' taġhlim reċiproku u l-iskambju tal-aħjar Prattiki. Barra minn hekk, jenfasizzat l-ħtieġa li jissaħħaħ il-valur soċjali u ċivili tal-volontarjat bħal fil-każ tas-servizz ċivili għaż-żgħażaġh;

29. jemmen li jkun utli li jiġi studjat kif minn naħa l-valuri soċjali u komunitarji l-ġodda u emerġenti – bħall-għarfien ambjentali fejn tiġi rispettata l-produzzjoni sostenibbli u effiċjenti mil-lat tal-enerġija, l-impenn fil-livell lokali, l-appoġġ għal persuni f'sitwazzjonijiet prekarji, l-apprezzament mill-ġdid tal-attivitàjiet artiġġjanati – jistgħu jħeġġu l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fis-soċjetà u l-integrazzjoni tagħhom fi ħdanha b'suċċess u, min-naħa l-oħra, kif jista' jiġi promoss u appoġġjat ir-rwol fundamentali tal-familja bħala l-ewwel mezz ta' appoġġ għat-tkabbir soċjali u ekonomiku tal-persuna. Jirakkomanda li l-għanijiet il-ġodda għall-iżvilupp sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti jkunu marbutin mal-familja u li jsir riferiment għaliha. Il-miżuri ta' appoġġ japplikaw kemm għall-familji ta' oriġini, kif ukoll għall-familji ġodda jew li qegħdin jiffurmaw. Il-miżuri huma dwar il-protezzjoni tal-familja, u l-appoġġ għall-ħolqien ta' familja u t-trobbija tat-tfal, b'mod partikolari fir-reġjuni bi sfidi demografiċi;

30. ir-reġjuni li huma fil-biċċa l-kbira tagħhom rurali għandhom jaġhtu attenzjoni speċjali lill-popolazzjoni żaġhżuġha, ass strateġiku reali f'dawn it-territorji, u jaġhmluha possibbli li jżommu l-għeruq tagħhom fl-ambjent rurali, issaħħu l-possibbiltajiet tagħhom li jibqgħu jgħixu f'dawn il-lokalitajiet, li kultant huma baxxi ħafna, u kemm jista' jkun – permezz ta' taħriġ adegwat – tiġi żgurata l-kontinwità tax-xogħol agrikolu fiż-żona bl-użu ta' metodi tradizzjonali tal-biedja li ma jaġhmlux ħsara lill-ambjent u l-prinċipji ta' ekonomija sostenibbli. Dawn il-prattiki għandhom ikunu finanzjarjament vijabbli u ekonomikament profittabbli;

31. jemma li l-miżuri meħuda b'mod iżolat minn diversi Stati Membri fil-qasam tal-politika taż-żgħażaġh mhux dejjem huma suffiċjenti u l-koordinazzjoni tagħhom ħafna drabi hija dubjuża. Għalhekk, il-Kumitat jappoġġja l-proposta li involviment akbar u aktar miżuri huma meħtieġa fil-livell Ewropew biex itejbu l-koordinazzjoni, tiġi żviluppata armonizzazzjoni u jiġu sfruttati l-possibiltajiet ta' sinerġiji, b'kunsiderazzjoni b'mod partikolari tal-fatt li ż-żgħażaġh huma aktar miftuħa għall-mobilità u l-migrazzjoni, u b'enfasi fuq il-ħtieġa li fil-politika riveduta jiġi speċifikat ir-rwol ewlieni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali;

32. iqis li hemm bżonn jissaħħaħ ir-rwol taż-żgħażaġh fil-proċessi demokratiċi, sabiex isemmgħu leħinhom. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, jinħtieġ jiġi promoss id-djalogu fost iż-żgħażaġh abbażi tal-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili u, b'mod partikolari, tal-assoċjazzjonijiet taż-żgħażaġh, tal-awtoritajiet lokali kemm individwali kif ukoll fi grupp, ta' gruppi informali, taċ-Ċentri ta' Informazzjoni Europe Direct li jistgħu jikkontribwixxu għall-feedback bejn iż-żgħażaġh u l-istituzzjonijiet u l-NGOs li dejjem jirrappreżentaw is-settur tal-popolazzjoni li huwa l-aktar miftuħ għat-tibdil, l-innovazzjoni soċjali u lest jistimola t-tiġdid tas-soċjetà kollha. Għaldaqstant, jenfasizza l-importanza li d-djalogu strutturat jitwessa', u jesprimi l-appoġġ tiegħu għall-inizjattivi ġodda previsti mill-Kummissjoni f'dan il-qasam, bil-ħsieb li jsaħħu l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh b'mod ġenerali u tal-organizzazzjonijiet li jirrappreżentawhom. Jenfasizza, fl-aħħar nett, li sabiex jintlaħaq dawn l-għanijiet, jista' jkun utli li jiġu stabbiliti linji ta' azzjoni strutturati, kif kien previst għall-Garanzija għaż-Żgħażaġħ permezz tal-Inizjattiva favur l-Impjeg taż-Żgħażaġħ;

33. għaldaqstant, jenfasizza l-importanza li d-djalogu strutturat jitwessa', u jesprimi l-appoġġ tiegħu għall-inizjattivi ġodda previsti mill-Kummissjoni f'dan il-qasam, bil-ħsieb li jsaħħu l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh b'mod ġenerali u tal-organizzazzjonijiet li jirrappreżentawhom; jinnota li l-iżvilupp ta' djalogu strutturat jitolb li l-kriterji tal-kwalità, b'mod partikolari taż-żgħażaġh, jeħtieġ li jiġu kkunsidrati kemm jista' jkun fil-proċess tad-djalogu. Dawn jinkludu approċċ ibbażat fuq is-sħubija għal djalogu fuq "livell ta' pari" u ammont tal-ħin suffiċjenti. Iż-żgħażaġh għandhom jipparteċipaw fil-proċessi ta' formazzjoni ta' opinjoni fil-livelli politiċi diversi f'kemm jista' jkun oqsma tematiċi politiċi; il-perspettiva reġjonali tal-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh tista' tissaħħaħ fir-rigward tal-inizjattiva favur l-impjeg taż-żgħażaġh permezz ta' djalogu strutturat;

34. iqis li huwa importanti li tiġi promossa kemm l-inklużjoni taż-żgħażaġh b'diżabbiltà u li jiġi żviluppat aċċess verament ugwali taż-żgħażaġh b'diżabbiltà għall-opportunitajiet li l-Istati Membri u r-reġjuni jippreżentaw;

35. jenfasizza l-bżonn li, fil-politiki tal-UE u tal-Istati Membri, tingħata prijorità lill-inklużjoni ta' żgħażaġh f'riskju bħan-NEETs (żgħażaġh barra mill-edukazzjoni, impjeg jew taħriġ) jew żgħażaġh bi sfond ta' migrazzjoni, li għandhom probabbiltà li jaqgħu f'din il-kategorija;

36. iqis li, fid-dawl tat-theddida terroristika gravi ħafna attwali fl-Ewropa u r-radikalizzazzjoni politika u reliġjuża li sfortunatament qed tinxtered fost iż-żgħażaġh, bi qbil mal-Aġenda tas-Sigurtà tal-UE, isiru ta' prijorità l-prevenzjoni tal-vjolenza, tar-radikalizzazzjoni u l-estremiżmu, it-tisħiħ tal-parteċipazzjoni u l-fiduċja fl-istituzzjonijiet, u l-garanzija tad-dritt taż-żgħażaġh biex jgħixu f'komunità pluralista bbażata fuq il-valuri demokratiċi Ewropej, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali;

37. jirrakkomanda li l-awtoritajiet lokali u reġjonali Ewropej jistabbilixxu strateġiji lokali u reġjonali li jindirizzaw b'mod ċar problemi u opportunitajiet li huma speċifiċi għaż-żgħażaġh, filwaqt li jitqiesu l-politiki dwar iż-żgħażaġh tal-UE u tal-Istati Membri. Fit-tfassil ta' dawn il-pjani, għandu jiġi żgurat li jissaħħu l-possibiltajiet ta' tagħlim reċiproku, filwaqt li tiġi żgurata l-ikbar parteċipazzjoni possibbli ta' gruppi mmirati, jiġifieri iż-żgħażaġh, fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni ta' dawn il-pjani u li jitħeġġeġ it-tagħlim reċiproku. Fl-istess ħin, il-Kumitat jenfasizza li l-istrateġiji u l-politiki kollha taż-żgħażaġh għandhom jinkorporaw miżuri orizzontali għall-ġlieda kontra l-fenomeni tad-diskriminazzjoni fuq il-bażi tas-sess, il-ġeneru, l-orijini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà u l-orjentazzjoni sesswali;

38. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tippromovi u tappoġġja l-politiki għall-iżvilupp tal-impreditorija fost iż-żgħażaġh fil-kuntest kulturali u kreattiv għall-ħolqien tal-impjegji u biex ikun hemm rispons effettiv għal dawk iż-żgħażaġh kollha li jixtiequ jittrasformaw il-passatempj tagħhom f'impjegji fil-qasam tal-kultura.

Brussell, il-11 ta' Frar 2016.

Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni

Markku MARKKULA